# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' April, 2024.**

**Numru 8**

**Rikors numru 273/21/1 TA**

**Mapfre Middlesea plc (C 5553)**

**vs**

**1. City Sightseeing Malta Limited(C73687)**

**2. Charles D'Amato**

**Il-Familja Butt b'digriet datat 28 ta' April 2022 ġew dikjarati bħala intervenuti fil-kawża.**

**Rajdeep Singh, Karam Raj Singh, Devinder Singh, Rejwinder Singh b'digriet datat 28 ta' April 2022 dikjarati bħala intervenuti fil-kawża.**

**Il-Familja Henderson b'digriet tat-28 ta' April 2022 ġew dikjarati bħala intervenuti fil-kawża.**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li ddeklinat milli teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tisma' u titratta rikors ġuramentat li permezz tiegħu, is-soċjetà attriċi talbet lill-Qorti:

> "(1) Tiddikjara u tiddeċiedi li fl-inċident fuq imsemmi tad-disgħa (9) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) il-konvenut Charles D'Amato kien qed isuq il-vettura bin- numru ta' reġistrazzjoni KPY 023 taħt l-influenza tad-droga bi ksur tal-polza tal-assikurazzjoni li kienet tkopri l-vettura KPY 023 maħruġa mis-soċjeta` attriċi għaf-favur tas-soċjeta konvenuta City Sightseeing Malta Limited;
>
> (2) Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti ma humiex koperti bil-polza ta' assigurazzjoni għar-rigward l-inċident fuq imsemmi tad-disgħa (9) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) li fiħ kienet involuta l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KPY 023 tas-soċjeta konvenuta City Sightseeing Malta Limited u misjuqa mill-konvenut Charles D'Amato;
>
> (3) Għar-rigward ir-responsabbilita` tas-soċjeta` attriċi li tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-vittmi tal-inċident fuq imsemmi tad-disgħa (9) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018), tiddikjara u tiddeċiedi jekk il-limiti ta' responsabilita`(limit of liability) fl-ammont ta' sitt miljuni u sebgħin elf euro (€6,070,000) stabbilit fil-polza ta' assigurazzjoni bin-numru P30005267 maħruġa mis-soċjeta` attriċi lis-soċjeta` konvenuta għar-rigward responsabbiltà ċivili għal mewt u korrimenti kkawżati mill-użu tal-vettura KPY 023 għandux jinqasam b'mod proporzjonali bejn il-vittmi skond il-valur tal- *claim* tagħhom, jew inkella għandux jinqasam b'xi mod ieħor li tista' tiddeċiedi dina l-Onorabbli Qorti;
>
> B'riżerva għal kull azzjoni ulterjuri inkluż id-dritt tas-soċjeta` attriċi li tirkupra mingħand il-konvenuti kwalunkwe somma illi hija tista' tkun obbligata tħallas lill-vittmi u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni."

2. Membri tal-familji Butt, Singh, u Henderson intervenew fil-kawża u eċċepew li l-Ewwel Qorti kellha tiddeklina l-ġurisdizzjoni tagħha minħabba proċeduri pendenti fl-Ingilterra u l-Iskozja kontra l-partijiet f'din

il-kawża.

3. B'sentenza tal-15 ta' Diċembru 2022, limitata għall-eċċezzjonijiet tal-intervenuti fil-kawża, l-Ewwel Qorti laqgħatilhom it-talba wara li rraġunat hekk:

> "**Punti ta' fatti**
>
> Fid-9 ta' April 2018 il-konvenut kien qiegħed isuq il-vettura "*open top double decker*" bin-numru ta' reġistrazzjoni KPY O23, liema bus tappartjeni lis-Soċjeta konvenuta li fost is-servizzi li tagħti hemm dak tat-trasport tat-turisti. Dak in-nhar seħħ l-inċident fatali fejn il-bus inkwistjoni għaddiet minn taħt xi siġar biex xi friegħi jew fergħa minnhom weġġħet gravament u anke qatlet żewġ persuni li kienu fit-top miftuħ tal-bus. U dan anke kif jirriżulta mill-proċess verbal.
>
> Dak in-nhar li seħħ l-inċident it-terminu tal-polza tal-assigurazzjoni li ħarġet is- Soċjeta' Attriċi qua Soċjeta' assigurattriċi, bin-numru P30005267, kienet għadha fis-seħħ. Din kienet tkopri l-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2017 sat-30 ta' Novembru 2018 (ara dok a' fol 11).
>
> Bis-saħħa ta' dak li jipprovdi regolament 1215/2012 tal-Parlament Ewropew, il- vittmi għandhom id-dritt li jfittxu għal risarċiment f'pajjiżhom jew aħjar fejn domiċiljati. Di fatti l-intervenuti fil-Kawża diġa' bdew dawn il-proċeduri fit-8 ta'Ottubru 2019 fl-Inghilterra (ara affidavit ta' Jennifer Lund a' fol 1020). Apparti dawn il-proċeduri, hemm oħrajn li saru quddiem il-Qrati Skoċċiżi u jidher li dawn kollha għadhom pendenti.
>
> Il-kwistjoni kollha li waslet għall-proċeduri quddiem din il-Qorti hija dik li s- Soċjeta' Assiguratriċi, anke fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Avviż legali 104.05 u d- Direttiva 2009/103/KE, għandha limitu ta' kemm tista' tħallas u dan fl-ammont ta' €6,070,000 fi *claim* waħda, indipendentement minn kemm hemm vittmi. Il- leġislazzjoni msemmija ma tipprovdi ebda risposta dwar il-mod kif għandhom jkunu distribwiti dawn il-flejjes bejn diversi persuni li ma jkunux soffrew l-istess gravita' ta' ġrieħi jew anke jekk hemm imwiet, u di piu' meta jkun prevedibbli, li minħabba n-natura katastrofika tal-inċident l-ammont assigurat mhux ser ikun biżżejjed biex ikopri lil kulħadd.
>
> **Punti ta' liġi**
>
> Qabel ma din il-Qorti tgħaddi biex tikkonsidra il-mertu tat-talbiet tas-Soċjeta' Attriċi, trid l-ewwel tinvesti l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intervenuti kollha, inklużi ta' intervenuti oħrajn, li dwarhom il-Qorti ser

tipprovdi għalihom illum stess.

L-eċċezzjonijiet tal-intervenuti kollha jistgħu jiġu rijasunti hekk:

(a) Li skont regolment 1215/2012 f'kuntratti ta' assikurazzjoni, il-part l-anqas b'saħħitha għandha tiġi mħarsa b'regoli ta' ġurisdizzjoni aktar favorevoli għall-interessi tagħha. Ġaladarba huma diġa' intavolaw Kawża quddiem il-Qorti Ingliża, li għadha pendenti, qabel il-Kawża odjerna.

(b) Li s-Soċjeta' Attriċi diġa' ssottomettiet lilha nnifisha għall-proċeduri b'mertu identiku bejn l-istess partijiet quddiem il-Qorti Ingliża u li f'dawk il-proċeduri ma oġġezzjonatx għall- ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti.

(c) Għandu japplika l-artikolu 29(1) Tar-Regolament (1215/2012 Sopra sessjoni) u kif ukoll Art 30(1) u 30(3).

(d) Ġie invokat ukoll l-artikolu 742(2) tal-Kap 12 (forum non conveniens).

Il-Qorti tibda biex tiċċita bran li jiddiskrivi s-sitwazzjoni li jqanqal ir-rikors ġuramentat:

> *"Motor Insurance Directive (MID)1 was established for the purposes establish the regulation of the motor third party liability (MTPL) within the European Union dimension. Despite the fact that MTPL is covered by MID,there is still a huge range of divergences existing in the handling of concerned files among the member states of the European Union, as well as complications for victims to measure the right for compensation. Due to the above-mentioned reasons, there is a strong necessity for precise assess applicable to law while resolving an issue related to the particular law and its governance in the particular MTPL case. Naturally, the existence of the European Union legal act empowers national courts to bring issues in term of preliminary ruling procedure before the Court of Justice of the European Union (CJEU) enabling to interpret concerned provisions."* (**Olga Shevchenko Master degree in law, Vilnius University Currently a PhD candidate, Private Law Department The Faculty of Law, Vilnius University, Vilnius University Press, Teise, Vol III 2019 pg 130-144. Emfażi tal-Qorti**).

Li din il-Qorti kellha tagħsar l-eċċezzjonijiet tal-intervenuti, li huma unikament ta' natura proċedurali, dawn jikkonsistu fl-eċċezzjonijiet ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti u dik tal-*lis alibi pendens* (Ara nota ta' Robert Butt tas-6 ta' Settembru 2022 paġna 4, tal-familja Singh para 5, u dik ta' Morrison u l-familja Henderson taħt it-Titoli ta' eċċezzjonijiet).

Għalhekk il-Qorti tħoss li qabel kollox għandha tagħmel esposizzjoni qasira ta' dan il-prinċipju taħt ir-regolament numru 1215/2012.

4. Hawnhekk il-Qorti ċċitat l-Artikli 29, 30 u 31 tar-Regolament u kompliet tirraġuna hekk:

"**Konsiderazzjonijiet**

Jibda biex jingħad li l-prinċipju ennunċjat minn dan l-artikolu jirrigwarda l-mod kif għandha tkun regolata s-sitwazzjoni fejn l-istess pendenza legali tfeġġ quddiem żewġt iqrati ta' pajjiżi kommunitarji separati. F'dan ir-rigward il-CEUJ fil-każ ta' **Overseas Union Insurance Limited v. New Hampshire Insurance Co C-351/89, 27.06.1991, ECR, ss. I.3342- I.3352** spjegat li l-pendenza trid tkun tali li tkun tirreferi għall-istess *lite* u tkun bejn l-istess partijiet. Simili ħafna għall-istess l-elementi meħtieġa taħt artikolu 792 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. *Meta titressaq kawża quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem qorti kompetenti oħra, il-kawża mressqa l- aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dik il-qorti l-oħra.* Dan konsonanti ukoll mal-prinċipju latin *ne bis de eadem re sit action.*

Dan il-prinċipju ma għandux ikun konfuż mal-Istitut tal-konnessjoni tal-kawżi li ma jfissirx l-istess ħaġa u li ma jsibx postu fir-Regolament. Di piu' fil-waqt l- artikolu lokali japplika għall-kawżi li jkunu pendenti quddiem il-Qrati Maltin, dan ma hux il-każ li għandha quddiemha din il-Qorti. Il-Kawżi huma waħda Malta u oħrajn barra, għalhekk għal ċirkostanza bħal din aktar jippresta ruħu tajjeb dak li jiddisponi r-regolament aktar mill-liġi lokali.

Taħt ir-regolament il-Qorti għandha *ex-ufficio* tqanqal il-*lis alibi pendens*, fakolta' mhux daqstant komuni fil-kamp ċivili meta jkun kunsidrat li dan ma jistax isir l-anqas fil-każ ta' preskrizzjoni. B'dana kollu, Sentenzi Maltin stabbilew li dan il- poter ta' tqanqil ex-ufficio tal-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* jista' jsir anke minn Qorti Maltija (Ara **Sentenza fl-ismijiet ta' Anatoli Reznikov et v. Nikolai A. Protov pro et** deċiża mill-**Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta' Marzu 1994**). Fil-fhema tal-Qorti, dan il-poter espliċitu li jagħti r-Regolament huwa indikattiv ta' kemm il- liġi kommunitarja tieħu b'serjeta l-armonizżazzjoni fis-Sentenzi ta' diversi pajjiżi sabiex biex anke jkunu evitati Sentenzi li kapaċi jikontradixxu lil xulxin u li jġibu aktar tbatija milli r-risoluzzjoni definittiva tal-pendenza bejn il-partijiet (Ara **Gubicsh Mashinenfabrik KG v. Guilio Palumbo, ECJ C-144/86**). Għalhekk tagħti affidament evidenti lil dik il-Qorti li tkun ġiet l-ewwel adita.

F'dan ir-rigward huwa ta' interess dak li jgħid Il-**Digesto Italiano (v. Litispendentia f. 968)** dwar din l-eċċezzjoni. Dan jagħti din it-tifsira:

*"Proposta, quindi, un'istanza guidiziale, mentre essa penda ancora,*

*non puo' inanzi ad altro guidice, proporsene un'altra nella stesse circostanze e per gli stessi effetti immediati; ne puo' il secondo giudice adito legittimamente prenderla in esame e giudicarla. Ore, il caso di una identica azione due volte proposta, di una stessa lite promossa davanti due Autorita' giudiziarie ugualmente competenti a conoscerne, e' detto litispendenzi, le qaule ha e molti o quasi tutti i punti di contatto con la cosa giudicata; anzi, la litispendenza funziona come una preventiva tutela dell'istituto della reguidicata, in quanto appunto mira a prevenire la possibilta' di due giudicati sull'identica lite emmessi contemporamente e successivamente da due distinti organi gurisdizzionali, giudicati uno dei quali sarebbe sostanzialmente illegittimo."*

Irid jingħad ukoll li f'każ li l-Qorti tordna is-soprasessjoni, din tibqa' fis-seħħ sakemm il-Qorti li tkun ġiet l-ewwel adita tiddeċiedi u f'każ li tiddikjara li għandha

ġurisdizzjoni kwalunkwe Qorti oħra għandha tiddeklina l-ġuridizzjoni anke jekk fl-opinjoni ta' din l-aħħar Qorti, li l-ewwel Qorti żbaljat meta asseriet l- ġurisdizzjoni. F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn iż-żewġ Qrati, dejjem skont dak li jipprovdi ir-Regolament, ma insibu ebda rimedju ekwivalenti u disponibbli lill- partijiet bħal dak li jipprovdi artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Skont din il-Qorti dan ifisser, li l-prinċipju tal-*lis alibi pendens* jiddimostra sens kbir ta' fiduċja u affidament lill-ewwel Qorti (Ara **Bogdan M., 'the Brussels/Lugano Lis Pendens Rule and the "Italian Torpedo", Scandinavian Studies In Law, 2008, p. p. 92**.) Il-Qorti tirrileva ukoll, li artikolu 29 huwa riflessjoni ta' dak li nsibu fi Brussels u anke fi Brussela Recast. Biss hemm differenza waħda ta' importanza. Propju fil-bidu ta' dan l-artikolu ġiet introdotta dikjarazzjoni li qabel ma kienitx fit-tnejn l-oħra għaliex jibda bir-riserva ta' "*Without prejudice to articles 31.2...*" dan ifisser li din hija eċċezzjoni għar-regola li l-kompetenza tappartjeni li dik il-Qorti li l-ewwel tiġi adita. Dan jiġri fil- każ li jkun konkordat bejn il-partijiet dwar x'għandha tkun l-adeżjoni ġurisdizzjonali tal-Qorti li għandha tiddetermina il-lite. Pero' anke f'każ bħal dan, dik il-Qorti xorta trid tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni minkejja il-ftehim:

> *"Where the court designated in the agreement has established jurisdiction in accordance with the agreement, any court of another Member State shall decline jurisdiction in favour of that court."* (art 31(3) emfażi tal-Qorti).

F'każ li jiġri hekk, art 29 ma japplikax, anke jekk ikun hemm Qorti li ġiet adita qabel. Il-Qorti li tkun ngħatat il-ġuridizzjoni bis-saħħa ta' ftehim bejn il-partijiet, in ommaġġ tal-prinċipju *pacta servanda est*, tirbaħ dejjem. F'dan il-każ, l-anqas ma japplika il-prinċipju taħt il-liġi tal-Proċedura tagħna li tistabilixxi li l-fatt waħdu li jkun hemm qorti oħra barranija li jkollha ġurisdizzjoni konkorrenti dan ma jeskludix minn qabel il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin. Il-partijiet iridu jiftakru, li l- liġijiet

tagħna llum huma sa ċertu punt subordinati għal dawk tal-Unjoni Ewropeja u dan anke kif jemerġi mit-Trattat ta' Adeżjoni (Kap 460 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan ifisser, li kemm jekk hija l-ewwel Qorti adita u kif ukoll magħżula mill-partijiet, qabel ma jkun stabbilit li għandhom ġurisdizzjoni, kwalunkwe Qorti oħra għandha jew tissoprasjedi jew tiddeklina l-ġurisdizzjoni skont il-każ.

Sabiex il-Qorti tkun tista' tasal għall-konklużjonijiet tagħha ikun utli li jiġi eżaminat in-natura tat-talbiet tagħha. Din il-Qorti fid-digriet tagħha tal-28 ta' April 2022 diġa' rrilevat li dawn il-proċeduri faqqsu minħabba deċiżjoni tal-*High Court of Justice Queen's Bench Division* tat-18 ta' Diċembru 2020 fil-każ tal-familja Butt kontra Charles D'Amato et (a' fol 640). B'dik is-Sentenza l-Qorti Ingliża ċaħdet it-talba tas-Soċjeta' Attriċi sabiex issir referenza lill-Qorti tal-Gustizzja Ewropeja dwar r-Regolament 2009/103/EU, inkwantu kif għandhom jiġu distribwiti bejn il-vittmi il-flejjes li ser jitħallsu taħt il-polza. Fil-fatt dik il-Qorti iddeċidiet b'dan il-mod, fuq intervent f'dawk il-proċeduri, anke jekk ma kienux parti għalihom, tal-familja Singh, li ukoll intervjenew f'dawn il-proċeduri.

Minn eżami ta' dik is-Sentenza ma hemm ebda referenza għal dak li qiegħed jkun mitlub fl-ewwel żewġ talbiet dwar l-istat ta' sokor o menu tal-konvenut Charles D'Amato. Fil-fatt mit-tlett talbiet hija biss l-aħħar waħda li tassew ġiet trattata fis-Sentenza Ingliża. L-ewwel tnejn jaqgħu fil-kategorija ta' fatti intrinsikament legali mal-mekkanika tal-inċident innifsu, li kif diġa' stabbilit għadu pendenti quddiem żewġ Qrati, waħda fl-Inghilterra u l-oħra fl-iskozja (ara premessa 4 tar-rikors). Għalhekk għandu raġun il-konvenut D'Amato meta fl- ewwel eċċezzjoni tiegħu jorbotha ma' kunsiderazzjonijiet fattwali ta' ħtija li għad iridu jkunu deċiżi mill-Qrati barranin (a' fol 535).

Bl-ewwel żewġ talbiet, is-Soċjeta' Attriċi bħal donnha trid li b'ġebla waħda tolqot żewġ għasafar. Fil-waqt li dwar it-tielet talba jista' hemm xi tgħid, din ma tistax titqiegħed fl-istess qoffa litiġjuża ma' l-ewwel żewġ talbiet. B'dak li ġara bis- Sentenza fuq imsemmija tal-Qorti Ingliża, wieħed jifhem għaliex saret it-tielet talba, anke fid-dawl ta' dak li qalet *obiter* dik il-Qorti u ċioe', li l-*proper law of contract* fir-rigward tal-polza ta' assikurazzjoni hija l-liġi ta' Malta. Pero' f'ebda ħin ma rruftat il-ġuridizzjoni fuq il-materja li għandha quddiemha. Qalet li bħala punt ta' dritt privat internazzjonali, il-liġi Maltija tapplika pero' ma qalitx li l-Qrati Maltin għandhom ġurisdizzjoni ad esklużjoni ta' kull ġuridizzjoni tal-Qrati Ingliżi. Anzi kif ser naraw aktar 'l isfel, dawn il-Qrati huma fermament determinati li jkomplu jisimgħu u jittrattaw il-każ.

Bħal ma' din il-Qorti ma tistax tikkummenta kieku il-Qorti Ingliża sabet li kellha dritt titratta din il-kwistjoni, bl-istess mod ma tistax tikkummenta jew ma taqbilx ma' din il-Qorti, ma' għamlitx referenza lil Qorti tal-Gustizzja Ewropeja fir- rigward tat-tielet talba, u dan kif diġa'rilevat aktar 'l fuq.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha, is-Soċjeta' Attriċi targumenta li "*l- intervenuti fil-Kawza ma ghandhom ebda dritt li jqajjmu eccezzjoni dwar is-setgha ta' din l-Ononrabbli Qorti li tkompli tisma' dina l-Kawza kontra l-konvenuti Maltin*",(ara para 10 tan-nota tas-Soċjeta' Attriċi). Il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan.

Għalkemm huwa minnu, li din il-Kawża bdiet bejn Maltin biss, din il-Qorti ma tistax tinjora li hemm proċeduri oħrajn quddiem Qrati barranin fejn hemm terzi oħrajn involuti b'mertu intimamament legat ma' dak li għandha quddiemha din il-Qorti. Din il-Qorti hija konvinta li kull ma ser ikun diskuss f'din il-Kawża, b'xi mod ser ikollu effett fuq dawk il-Kawżi, partikularment bl-ewwel talba Attriċi. Dan japplika ukoll għat-tielet talba, li tolqot fil-laħam il-ħaj lil dawk it-terzi, għaliex l- għan finali li jridu jilħqu bil-Kawżi esteri huwa dak, li jkunu riżarċiti b'mod sodisfaċenti. Jekk id-determinazzjoni ta' kif għandhom ikunu likwidati u distribwiti l-pagamenti li trid tagħmel is-Soċjeta' Attriċi ma hux ta' interess għal dawn it-terzi, allura x'inhuwa l-interess tagħhom?

Tant it-terzi għandhom interess f'dawn il-proċeduri, li fir-rikors promotur tas- Socjeta' Attriċi jissemmew anke l-Kawżi ta' barra, anzi huwa assolutament inevitabbli li jissemmew u li jissemma' anke x'ġara sa issa quddiem il-Qrati Ingliżi partikularment fir-rigward tat-tielet talba. Kien propju it-tismija ta' dawn il-kawżi, bl-ismijiet tal-vittmi u n-natura ta' ġrieħi li sofrew, li allerta mill-ewwel lil din il-Qorti biex tagħti d-digriet tal-11 ta' Awwissu 2021 (a' fol 655).

Huwa obbligu ta' din il-Qorti li tadotta sens ta' ġustizzja aktar wisgħa minn tal- partijiet, meta jkun jidhrilha li hemm terzi involuti, li ad insaputa tagħhom ikunu inbdew proċeduri paralleli għal dawk diġa' esistenti quddiem Qrati oħrajn u li huma parti għalihom.

Il-Qorti tfakkar ukoll li, li kif indikat aktar il fuq, eċċezzjoni bħal din tista' titqanqal mill-Qorti ex-ufficio anke jekk dan mhux espliċitament imsemmi fil-liġi tagħna bħal ma huwa fir-regolament. F'dan ir-rigward il-Qorti terġa' tfakkar dak li jgħid artikolu 30(2) tar-regola:

> "*Where the action in the court first seised is pending at first instance, any other court may also, on the application of one of the parties, decline jurisdiction if the court first seised has jurisdiction over the actions in question and its law permits the consolidation thereof."*

Veru li l-intervenjent fil-Kawża ma jitqies bħala parti, kif veru wkoll li la jista' jkun ikkundannat u l-anqas illiberat mill-osservanza. Pero' dan ma jfissirx li ma għandux id-dritt li jipparteċipa daqs li kieku kien parti, partikularment fil-każ ta' intervent *ad escludendum* u mhux *adjuvandum.* Dan qiegħed jingħad għaliex b'dan it-tip ta' intervent, l-intervenjent ikun qiegħed jagħti x'jifhem, li bil- posizzjoni li jkunu qiegħdin jieħdu l-partijiet kollha mhux uħud minnhom, jeħtieġlu jipproteġi lilu nnifsu b'aktar qawwa.

Is-Soċjeta' Attriċi tissottometti li dak li għandha quddiemha din il-Qorti *"hija biss kawza lokali"*, meta huwa aktar minn ovvju, li dawn l-proċeduri huma ramifikazzjoni ta' u għandhom rabta ma' proċeduri oħra esteri. B'dan l-argument tagħha qed tkun provinċjali u simplistika għall-aħħar (Ara para 21 tan-nota). Qed tinsa' id-dimensjoni aktar wisgħa tal-effetti, fid-dawl tal-Kawżi li hemm barra minn Malta bejn il-partijiet.

Din il-Qorti taqbel mat-tagħlim ennunċjat fis-**Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl- ismijiet Ellul Sullivan nomine -vs- Abela nomine (1971)**:

> "*l-intervenjent ma hux parti jew kontendent, cioe` huwa ma jsirx la attur u l-anqas konvenut. Ghalkemm il-Qorti ghandha tikkonsidra is-sottomissjonijiet tieghu u **ghalhekk tiddeciedi l-punti li huwa jissolleva** huwa ma jsirx legittimu kontradittur – u dan a differenza tal-kjamat li huwa b'ligi espressa kunsidrat konvenut fil-kawza*." (Emfażi tal-Qorti).

Il-Qorti tfakkar ukoll, li Artiklu 11 1. Tar-Regolament 1215/21012 jiddisponi li *"An insurer domiciled in a Member State may be sued: (a)...... (b) in another Member State, in the case of actions brought by the policyholder, the insured or a beneficiary, in the courts for the place where the claimant is domiciled....(c)...."* (Emfażi tal-Qorti). Issa ma għandu jkun hemm ebda dubbju, li l-intervenjenti jekk mhux direttament żgur indirettament, huma benefiċjarji tal- polza għaliex finalment huma d-destinarji finali ta' kull ħlas li jrid isir taħtha. Allura jekk l-intervenjenti jistgħu jfittxu lis-Soċjeta' Attriċi barra, kif fil-fatt għamlu, *multo magis* kemm għandhom ukoll interess, mhux biss legali iżda anke materjali, fil-proċeduri li għandha quddiemha din il-Qorti.

Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti ser tgħaddi biex tiddermina l-vertenza li għandha quddiemha.

Huwa paċifiku bejn il-partijiet li r-regolament 11215/2012 huwa maħsub li jagħti dritt lill-vittmi ta' inċident ifittxu għad-danni fil-pajjiż tagħhom, jew aħjar fejn huma domiċiljati, kif fil-fatt għamlu (ara premessa 4 tar-rikors ġuramentat a' fol 2). Il- proċeduri fl-Inghilterra ġew istitwiti fil-31 ta' Marzu 2020 il-Kawża odjerna fid-29 ta' Marzu 2021. Fis-26 ta' Settembru 2020 is-Soċjeta' Attriċi presentat risposta bl-eċċezzjonijiet flimkien ma' kontro-talba.

Minn hawn jirrisulta, li l-proċeduri ta' barra nbdew qabel dawn il-proċeduri, u li s-Soċjeta' Attriċi qed tikkontesthom bis-saħħa kollha. Dan l-aħħar fatt, l-anqas ma jħalli ebda dubbju, li is-Soċjeta' Attriċi ssottomettiet lilha nnifisha għall- ġurisdizzjoni tal-Qorti barranija. Għalkemm l-anqas li kieku ma ġarax hekk, għaliex ir-regolament fih innifsu jagħti l-fakolta' lill-vittma li fittex fil-Qorti fejn hija domiċiljata.

Permezz tal-ewwel talba, is-Soċjeta' Attriċi qed tfittex li tikseb dikjarazzjoni ta' fatt. Trid lil din il-Qorti tiddikjara li fid-9 ta' April 2018

il-konvenut Charles D'Amato, li huwa wkoll konvenut f'uħud mill-proċeduri li hemm barra minn Malta, kien qed isuq il-*bus* inkwistjoni taħt influwenza tad-droga bi ksur tal-polza tal- assikurazzjoni maħruġa minnha favur is-Soċjeta' konvenuta.

Issa l-polza inkwistjoni veru li tipprovdi għal esklużjoni ta' kopertura, f'każ ta' sokor tas-sewwieq (polza a fol 14 ,a' fol 17 u a' fol 18 tergo). Imma dan ma jfissirx li dak li qed jintalab mill-Qorti ma hiex kwistjoni ta' fatt li xorta tifforma parti mill-provi li għad iridu jitressqu fil-kawżi li hemm barra. Ma jfissirx li dan il-fatt o meno', ma għandux ikun stabbilit, fil-kors tas-smiegħ tal-kawżi li diġa' hemm pendenti quddiem il-Qrati barranin. Kienu dawn li ġew aditi l-ewwel biex jisimgħu u jiddeċiedu dwar ħtija u o meno tal-konvenuti f'dawk il-Kawżi u jekk is-sewwieq kienx intossikat jew le huwa marbut sfieq mal-mekkanika tal-inċident u ħtija ta' min ikkawżaħ jekk huwa l-każ. Is-Soċjeta' Attriċi bħal donnha trid li tiżmembra d-dikjarazzjoni ta' ħtija.

Minn eżami tad-dokumenti esebiti, jirriżulta ċar, li sabiex il-Qorti barranija tasal għal ħtija u tort, fost oħrajn tas-sewwieq tal-Bus, ser ikollha tisma' l-provi hi. Issa kif diġa' rilevat, l-avveniment kawżattiv ta' dawn il-proċeduri kienet is-Sentenza *Tal-High Court Of Justice Queen's Divison* tat-18 ta' Diċembru 2020 fl-ismijiet Robert Butt vs-Charles D'Amato et, fejn kienet trattata talba, sabiex issir referenza lil Qorti Ewropeja tal-Gustizzja bl-iskop li jiġi interpretat artikolu 9 tad-Direttiva 2009/103/KE anke fid-dawl tal-kontro-talba li għamlet fil-proċeduri ta' barra.

Fil-fatt anke f'din il-Kawża, is-Soċjeta' Attriċi qed tirriserva li terġa' tagħmel din it-talba lil din il-Qorti. F'dan l-istadju jrid jiġi senjalat, li din ma hiex kwistjoni dwar jekk il-Qrati barranin humiex ser japplikaw il-liġi maltija fir-rigward tas-sejba ta' responsabbilita' u anke tal-likwidazzjoni tad-danni. Semmai din hija kwistjoni regolata mill-artikoli appositi tar-regolament 864/2007, għalkemm f'paragrafu 17 tas-Sentenza imsemmija, dik il-Qorti diġa' għamlet riflessjoni dwar dan l-aspett (a' fol 643).

Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti tħoss, li jekk kellha tagħti d-dikjarazzjoni li qed tintalab fl-ewwel talba, meta hemm kawżi pendenti barra minn Malta, tkun qed tinfilċa fis-smiegħ ta' dawk il-kawżi, li mexjin b'mod metodiku u ordnat. Biżżejjed jingħad, li fis-6 ta' Marzu 2023 u 26 ta' Mejju 2023 hemm seduta quddiem il-High Court Of London (familja Butt) biex fost oħrajn *preliminarjament* jiġi deċiż dak li hemm f'para 7(d) *Jurisdiction clause* (1021 u ara 1033 tergo u 1034 tergo).

Di fatti skond affidavit ta' Jennifer Lund jirriżulta hekk:

> *"The proceedings in England and Wales havde now reached a relatively mature stage. The case has now been allocated to the Multi-Truck of the High Court of London and has been listed for*

*trial between 6 March and 26 May 2023 which will take place over three days and which is to be heard at the same time as the trial of the Singh family's claim. This will be a joint preliminary issue trial as between the Butt and Singh Claimants and Mapfre to determine:*

*d. In the event that Mapfre is held entitled to limit its total liability to the claimants (and any other injured victims of the accident) to the alleged policy indemnity limit:*

*i. How that policy limit falls to be distributed as between the injured victims, were it mat be insufficient to satisfy all claims by injured victims.*

*ii. Whether Mapfre's obligation to pay any sum found due to the claimants (or any of them) depends on agreement being reached between all injured victims as to the distribution of the indemnity or relevant court order."* (Emfażi tal-Qorti).

Minn dan il-passaġġ jemerġi, li dak li qiegħed jintalab f'din il-Kawża ser ikun diskuss fid-dati fuq imsemmija. Irid ukoll jiġi sottolinejat, li bis-Sentenza fuq imsemmija, Il-Qorti barranija ma rruftatx il-ġuridizzjoni li tiddeċiedi f'dan ir- rigward anke jekk irrifjutat li tagħmel ir-referenza lill-Qorti tal-Gustizzja Ewropeja.

*-omissis-*

Minn hawn jemerġi ukoll, li dak li qiegħed jintalab fit-tielet talba hija materja li għada ser tkun trattata bejn il-parijiet kollha fis-seduti preliminari diġa' iffissati mil-Qorti Ingliża anke b'konsegwenza ta' dak li intqal f'dik is-Sentenza. Di piu', il-partijiet sotto-linejati mill-passaġġ imsemmi huma kjarament indikativi, li r-risoluzzjoni dwar kemm u kif għandu jkun distribwit ir-risraċiment taħt il-polza ma hiex kwistjoni magħluqa iżda għadha ser tkun ikkunsidrata u dan indipendentement mill-fatt, li dik il-Qorti irrfijutat li tagħmel referenza lill-Qorti Ewropeja tal-Gustizzja fuq il-kwistjoni.

Ir-raġunament ta' dik il-Qorti hu, li d-Direttiva 2009/103 tistabilixxi:

a. il-minimu tal-koperta li għandu jkun hemm

u

b. li l-kompensazzjoni għandha tkun distribwita sewwa (fully) u b'ġustizzja (fairness).

Id-dettalji ta' kif dan għandu jsir huma imhollijin f'idejn kull pajjiż individwalment. Fi ftit kliem, id-direttiva tistabilixxi, l-prinċipji essenzjali iżda mhux id-dettal tal- implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji, dejjem skont dik il-Qorti, isegwi li huwa l- mod kif ġiet trasposta din id-direttiva

fil-liġijiet Maltin li għandha tipprovdi għal dawn iż-żewġ kweżiti u ċioe' L-Avviż Legali 104.05. Dwar dan l-aħħar punt, din il-Qorti ma tħoss li jkun għaqli li tagħmel il-kummenti tagħha f'dawn il-proċeduri minħabba dak li ser jingħad aktar 'l isfel.

Il-Qorti ma tistax tara, kif dak li qiegħed jitqiegħed quddiemha f'dawn il- proċeduri, ma huwiex parallel u simili għall-aħħar għal dawk li għadu qed ikun trattat mill-Qorti Ingliża. Għal din il-Qorti huwa ċar, li dak li qiegħda titlob is- Soċjeta' Attriċi f'dawn il-proċeduri huwa wkoll intempestiv apparti wkoll li huwa direttament konness ma' dak li qiegħed fil-kors li jiġi determinat mill-Qrati Ingliżi preliminarjament.

L-anqas ma hemm dubbju li l-Qrati Ingliżi asserew b'mod l-aktar ċar u univoku l-ġuridizzjoni tagħhom u dan anke konformament ma' dak li jiddisponi r- Regolament 1215/2012 meta r-Renju Unit kien għadu membru tal-Unjoni Ewropeja. (Ara **Overseas Union Insurance Limited supra).** Apparti, l-anqas ma huwa indubitat, li s-Soċjeta' issokkombiet għall-ġuridizzjoni tal-Qrati Ingliżi mhux biss għaliex talbet referenza għall-Qorti Ewropeja, li tista' tintalab minn parti li tkun prioristikament aċċettat l-ġurisdizzjoni tal-Qorti li lilha saret it-talba, iżda saħansitra presentat kontro-talba f'dawk il-proċeduri, prinċipju ennuċjat anke mill-Liġi maltija taħt artikolu 742 (g) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li fis-sitwazzjoni huwa applikabbli dak li jiddisponu l-artikolu 29(3) tar-regolament: meta tiġi stabbilita' l-ġurisdizzjoni tal- ewwel qorti invokata, kull qorti oħra, apparti il-ewwel qorti invokata, għandha tastjeni mill-ġurisdizzjoni favur dik il-qorti. Apparti s-somiljanza u anke inkroċju tal-mertu, din il-Qorti tħoss li kellha tasserixxi ġurisdizzjoni, anke billi tordna is-soprassjoni, potenzjalment tista' tkun qed tiżra' konfużjoni fil-proċeduri barranin li jistħoqqilhom jieħdu l-kors ordnat tagħhom u dan fl-interess tal-partijiet kollha għal dawn il-proċeduri.

Dan ifisser li din il-Qorti ser tkun qed tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni a favur ta' dawk il-Qrati Ingliżi u Skoċċiżi li presentement għandhom pendenti quddiemhom proċeduri dwar l-inċident mertu tal-Kawża."

5. L-attriċi ħassitha aggravata bis-sentenza u għalhekk interponiet appell quddiem din il-Qorti. Id-doljanza tagħha hija mqassma fl-aggravji li ġejjin:

6. Dak li l-appellanti isejjaħ "**l-ewwel aggravju"** fil-fatt jikkonsisti f'żewġ aggravji:

(i) Illi s-sentenza esprimiet ruħha fuq l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Charles D'Amato għalkemm il-partijiet ma ressqux provi dwarha u s-sentenza kellha tkun biss dwar l-eċċezzjonijiet tal-intervenuti fil-kawża u għalhekk hija nulla.

(ii) Illi għall-kuntrarju, l-Ewwel Qorti njorat sottomissjonijiet ċentrali tas-soċjetà attriċi dwar l-inapplikabilità tal-Art.29 tar-Regolament 1215/2012.

7. Dwar aggravju numru (i), din il-Qorti tqis li jirriżulta mill-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Lulju 2022 li tassew l-Ewwel Qorti dakinhar iddifferiet il-kawża għas-sentenza limitatament għall-eċċezzjonijiet imressqin mill-intervenuti fil-kawża.

8. Din il-Qorti rat il-partijiet rilevanti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti li jaqraw hekk:

> "Minn eżami ta' dik is-Sentenza ma hemm ebda referenza għal dak li qiegħed jkun mitlub fl-ewwel żewġ talbiet dwar l-istat ta' sokor o menu tal-konvenut Charles D'Amato. Fil-fatt mit-tlett talbiet hija biss l-aħħar waħda li tassew ġiet trattata fis-Sentenza Ingliża. L-ewwel tnejn jaqgħu fil-kategorija ta' fatti intrinsikament legali mal-mekkanika tal-inċident innifsu, li kif diġa' stabbilit għadu pendenti quddiem żewġ Qrati, waħda fl-Inghilterra u l-oħra fl-iskozja (ara premessa 4 tar-rikors). Għalhekk għandu raġun il-konvenut D'Amato meta fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu jorbotha ma' kunsiderazzjonijiet fattwali ta' ħtija li għad iridu jkunu deċiżi mill-Qrati barranin (a fol. 535)".[1]
>
> "Il-Qorti ma tistax tara, kif dak li qiegħed jitqiegħed quddiemha f'dawn

[1] Paġna 20 tas-sentenza.

> il- proċeduri, ma huwiex parallel u simili għall-aħħar għal dawk li għadu qed ikun trattat mill-Qorti Ingliża. Għal din il-Qorti huwa ċar, li dak li qiegħda titlob is- Soċjeta' Attriċi f'dawn il-proċeduri huwa wkoll intempestiv apparti wkoll li huwa direttament konness ma' dak li qiegħed fil-kors li jiġi determinat mill-Qrati Ingliżi preliminarjament".

9. Fir-risposta tal-appell tagħhom, l-appellati jsostnu li l-kumment tal-Ewwel Qorti kien wieħed li sar *en passant*; li l-Qorti ma ttrattatx l-eċċezzjoni tal-intempestività fil-parti deċiżiva; u li s-sentenza hija sostanzjalment ġusta u għalhekk l-eċċezzjoni tan-nullità m'għandhiex tiġi milqugħa, u dan a tenur tal-Art. 790 tal-kodiċi ritwali.

10. Din il-Qorti tqis li billi l-aggravju huwa li l-Ewwel Qorti marret *ultra vires*, l-Artiklu 790 ma japplikax. Dan għaliex skont l-istess artiklu, il-fakulta` ta' din il-Qorti li tiċħad eċċezzjoni ta' nullità tas-sentenza tal-prim'istanza jekk tkun sostanzjalment ġusta ma tapplikax f'numru ta' ċirkostanzi fosthom jekk tkun *extra petita* jew *ultra petita*. Tqis ukoll li għalkemm l-Ewwel Qorti m'għamlet l-ebda pronunzjament dwar l-eċċezzjoni tal-konvenut in kwistjoni fil-parti hekk imsejħa tad-*decide*, imma sempliċiment għaddiet kummenti fil-parti razzjonali tas-sentenza, dan ma jfissirx li effettivament ma ddeċidietx l-eċċezzjoni, u dan billi anke fil-parti razzjonali tas-sentenza jistgħu jiġu nseriti partijiet deċiżivi. Hekk għamlet l-Ewwel Qorti meta stqarret li l-konvenut "għandu raġun" dwar dik l-eċċezzjoni; imbagħad neħħiet kull dubbju dwar dik l-istqarrija tagħha meta stqarret ċar u tond li l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi hija intempestiva.

11. L-aggravju numru (i) għalhekk qiegħed jiġi milqugħ.

12. Dwar l-aggravju numru (ii), ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti njorat sottomissjonijiet ċentrali tas-soċjetà attriċi dwar l-inapplikabilità tal-Art. 29 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Fi kwalunkwe każ, għal raġunijiet li sejrin jingħataw iktar 'l isfel, din il-Qorti sejra ssib li l-Artiklu 29 suċċitat mhuwiex applikabbli u għalhekk hija mankanti l-premessa li fuqha huwa mibni dan l-aggravju.

13. **It-tieni aggravju** hu li l-Qorti kellha ssib li japplika għall-kwistjoni l-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux ir-Regolament 1215/2012.

14. L-appellanti tisħaq li m'hemm l-ebda element *cross-border* f'din il-kawża. Issostni li l-interess ta' terzi bħalma huma l-intervenjenti ma jagħmilhiex *cross-border*. Tgħid li mhux minnu dak li qalet l-Ewwel Qorti li dak li ppreċipita din il-kawża kienet iċ-ċaħda tat-talba ta' Mapfre lill-Qorti Ingliża biex tagħmel riferenza lill-Qorti Ewropea. Fi kwalunkwe każ il-motiv huwa rrilevanti. Il-mertu ta' din il-kawża hu l-ksur tal-polza billi s-sewwieq kien isuq taħt l-influwenza tad-droga. Din mhix mertu tal-proċeduri barra minn Malta. L-attriċi ma tridx tiffaċċja xi argument mill-konvenuti li applikat il-polza ħażin u ħallset xi indennizz b'mod ħażin. Skont il-*jurisdiction clause* fil-polza tal-assikurazzjoni, din il-kwistjoni dwar

il-polza taqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklussiva tal-Qrati ta' Malta. Mhux korretta l-Ewwel Qorti meta qalet li din il-kawża sejjer ikollha effett fuq il-proċedura fl-esteru. L-eżitu tal-ewwel u t-tieni talba ma jaffettwawx it-talba għad-danni. Il-kawżi fl-esteru huma *cross-border*; il-kawża f'Malta mhix.

15. L-appellanti tkompli tispjega t-tieni aggravju tagħha billi tisħaq li l-parteċipazzjoni tal-intervenjenti f'din il-kawża ma tagħmilhomx parti.

16. P. Jenard, fir-rapport li għamel fis-27 ta' Settembru 1968 f'isem kumitat ta' esperti maħturin mill-Istati Membri, b'riferenza għall-preambolu tal-Konvenzjoni ta' Brussell li kienet il-prekursur tar-Regolament preżenti, innota li:

> "*As is stressed in the fourth paragraph of the Preamble, the Convention determines the international jurisdiction of the courts of the Contracting States. It alters the rules of jurisdiction in force in each Contracting State only where an international element is involved. It does not define this concept, since the international element in a legal relationship may depend on the particular facts of the proceedings of which the court is seised. Proceedings instituted in the courts of a Contracting State which involves only persons domiciled in that State will not normally be affected by the Convention... it is possible, however, that an international element may be involved in proceedings of this type. This would be the case, for example... where the proceedings related to a matter over which the courts of another State had exclusive jurisdiction (Article 16), or where identical or related proceedings had been brought in the courts of another State (Article 21 to 23).*[2]"

[2] Il-kwotazzjoni hija ta' Geert van Calster, European Private International Law 2nd. Ed. (2016) paġna 27.

17. Fil-fehma ta' din il-Qorti, sewwa rraġunat l-Ewwel Qorti li f'din il-kawża hemm element ta' *cross-border*. L-appellanti stess tagħraf li t-tielet talba, li tinvolvi lill-vittmi, fiha element ta' *cross-border* iżda tisħaq li l-ewwel żewġ talbiet m'għandhom l-ebda element barrani. Anke jekk dan tassew huwa l-każ, il-kawża xorta waħda jibqagħlha element ta' *cross-border* għaliex biex iseħħ dan l-element m'hemmx għalfejn li t-talbiet kollha mressqin fil-kawża jkollhom dan l-element. Il-kawża tibqa' waħda, anke jekk it-talbiet huma diversi.

18. Għalhekk din il-Qorti ssib li huwa applikabbli r-Regolament u mhux il-Kap.12. Konsegwentement dan l-aggravju huwa bla bażi u ma jistħoqqlux jintlaqa'.

19. **It-tielet aggravju** hu li jekk japplika r-Regolament 1215/2012, l-Ewwel Qorti ma messhiex iddiklinat il-ġurisdizzjoni tagħha dwar l-ewwel u t-tieni talba.

20. Skont l-appellanti, ir-rekwiżiti tal-Art. 29 mhux sodisfatti għaliex:

(i) Il-mertu tal-ewwel żewġ talbiet mhuwiex l-istess bħall-mertu tal-kawżi barra minn Malta; lanqas il-partijiet mhuma l-istess.

(ii) L-ewwel żewġ talbiet huma ta' ġurisdizzjoni esklussiva tal-Qrati ta' Malta u għalhekk japplika l-Art. 25 tar-Regolament.

(iii) L-Art. 29 u l-Art. 30 tar-Regolament ma japplikawx għal kuntratti ta' Assikurazzjoni (Art. 10 tar-Regolament).

21. Skont il-liġi Maltija l-intervenut fil-kawża *in statu et terminis* mhux imdaħħal fil-ġudizzju pendenti bejn il-kontendenti la bħala attur u lanqas bħala konvenut fis-sens li la jista' jiġi kkundannat u anqas illiberat u dan a differenza tal-kjamat fil-kawża. Sentenza ma tista' qatt tiġi esegwita mill-intervenut fil-kawża u *vice versa* fl-ebda każ ma tista' sentenza tiġi esegwita kontra tiegħu.[3] Għalhekk mhuwiex parti fil-kawża. Billi hemm nieqes dan l-element ma jistax ikun hemm *lis pendens* anke jekk parti mill-mertu fiż-żewġ kawżi huwa identiku.

22. It-tielet talba tal-attriċi fir-rikors ġuramentat hija prattikament ripetizzjoni tal-kontrotalba li għamlet l-attriċi fil-proċeduri esteri. Fil-kawżi esteri hemm talbiet għad-dikjarazzjoni ta' responsabbiltà tas-sewwieq. M'hemmx dubbju li l-ewwel talba tidħol fil-kwadru iktar wiesa tar-responsabbiltà *o meno* tas-sewwieq għall-akkadut. Dan għaliex is-sejba ta' traskuraġni jew ta' sewqan perikoluż tal-konvenut D'Amato possibbilment tkun tiddependi mill-fatt jekk kienx taħt l-influwenza tad-

[3] Sentenza ta' din il-Qorti *in re*: Anthony Psaila v. Arthur Biggerstaff 07.11.1988 LXXII.ii.358.

droga jew le. It-tieni talba tirrigwarda biss l-attriċi u l-konvenuti, iżda tiddependi fuq l-eżitu tal-ewwel talba.

23. Skont Art. 30 tar-Regolament:

> "1. Meta azzjonijiet relatati jkunu pendenti fi qrati ta' Stati Membri differenti, kwalunkwe qorti apparti l-qorti li tkun l-ewwel invokata **għandha tissospendi** l-proċedimenti ta' quddiemha.
>
> "2. Fejn l-azzjoni tkun pendenti fil-prim'istanza quddiem l-ewwel qorti, kwalunkwe qorti oħra tista' wkoll, fuq talba ta' waħda mill-partijiet, **tiċħad il-ġurisdizzjoni** jekk il-qorti l-ewwel invokata jkollha ġurisdizzjoni fuq l-azzjonijiet ikkonċernati u li l-liġi tagħha tippermetti l-konsolidazzjoni tagħhom.
>
> "3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, azzjonijiet huma meqjusa li jkunu relatati meta jkunu konnessi hekk mill-qrib illi jkun aktar konvenjenti illi jinstemgħu u jiġu determinati flimkien sabiex ikun evitat ir-riskju ta' sentenzi irrikonċiljabbli li jirriżultaw minn proċedimenti separati".

24. Skont iċ-Cheshire:[4]

> "*The Court of Justice has held that this definition must be broadly interpreted, and covers all cases where there is a risk of conflicting decisions, even if, because the parties are different, the judgments can be separately enforced and their legal consequences are not mutually exclusive. The concern is to avoid conflicting judgments, albeit only as regards their reasoning…*
>
> *Article 30 is concerned with situations that fall outside Article 29, ie the cause of action and subject matter, or the parties, or even both, will not be the same.*"

25. Fil-fehma ta' din il-Qorti hemm konnessjoni ċara bejn din il-kawża u l-kawżi miftuħin fl-esteru minħabba l-vittmi nvoluti iddomiċiljati fl-Ingilterra jew l-Iskozja li korrew jew mietu f'Malta waqt li l-konvenut D'Amato kien qiegħed isuqhom b'vettura tal-konvenuta l-oħra. Għalhekk din il-Qorti

[4] Cheshire, North & Fawcett, Private International Law, 15th ed. (2017) paġna 454-455.

ssib li huwa applikabbli għal din il-kawża l-imsemmi Art. 30 tar-Regolament.

26. Ir-regoli speċjali dwar l-assikurazzjoni fir-Regolament u l-klawżola ta' ġurisdizzjoni esklussiva fil-polza tal-assikurazzjoni qajla jistgħu jkunu ta' suffraġju għall-appellanti biex tiġi eskluża l-ġurisdizzjoni tal-Qrati barranin billi kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, hija ssottomettiet ruħha għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati barranin. Din il-Qorti taqbel ma' dan il-pronunzjament sa fejn hemm inkroċju bejn il-merti ta' din il-kawża u l-mertu tal-kawżi esteri.

27. **Ir-raba' aggravju** hu li f'każ li japplika r-Regolament 1215/2012, l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiddeklina l-ġurisdizzjoni dwar it-tielet talba, iżda kellha jew tkompli bis-smigħ inkella tissospendi l-prosegwiment tagħha sakemm jinqatgħu il-kawżi għad-danni mressqin mill-vittmi fl-Ingilterra u l-Iskozja.

28. Dan l-aggravju huwa wieħed validu tenut kont tal-applikabilità tal-Art. 30 tar-Regolament.

29. Billi laqgħet l-ewwel aggravju, din il-Qorti m'għandhiex għalfejn titratta **l-ħames aggravju.**

***Decide***

30. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet suesposti, din il-Qorti qiegħda tilqa' parzjalment l-aggravji tal-appellanti kif fuq spjegat, tħassar is-sentenza appellata u tordna s-soprassessjoni tal-kawża skont id-dipożizzjonijiet tal-Art. 30 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sakemm il-proċeduri fl-Ingilterra u l-Iskozja jinqatgħu kollha permezz ta' sentenzi li jgħaddu in ġudikat jew il-proċeduri jintemmu definittivament xort'oħra. L-appellanti jkollha dritt titlob l-appuntament għat-tkomplija tas-smigħ ta' din il-kawża fi żmien sittin jum mill-għeluq tal-proċeduri fl-esteru b'xi wieħed mill-modalitajiet imsemmija.

31. Din il-Qorti qiegħdha tibgħat lura l-atti tal-kawża lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tkompli tisma' l-kawża konformement ma' dak li għadu kif ingħad f'din is-sentenza.

32. Spejjeż ta' dan l-appell a kariku tal-appellati.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Robert G. Mangion
Imħallef

Grazio Mercieca
Imħallef

Deputat Reġistratur
da